**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 180800** **14.04.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-Ispeaker jinawgura l-wirja fotografika 'Stop the fix, fix the threat' għal sport nadif***

"Biex nifhmu tassew l-importanza tal-prinċipju ta' *fair play*, irridu nagħrfu r-rabta li dan il-prinċipju għandu ma' valuri morali ta' ġustizzja, ta' *fairness*, ta' ekwità u tad-dinjità tal-persuna umana. Għaldaqstant, imġiba sportiva tajba għandha twassal biex tissaħħaħ l-abbiltà tagħna li nagħmlu l-aħjar għażliet f'ħajjitna", qal l-Ispeaker Anġlu Farrugia waqt l-inawgurazzjoni tal-wirja fotografika '*Stop the fix, fix the threat* – għal sport nadif', fil-Parlament.

L-Ispeaker tkellem dwar l-importanza tal-attività sportiva biex is-soċjetà tkun b'saħħitha fiżikament u moralment. Kull attività sportiva ttejjeb ħajjet il-bniedem, qal l-Ispeaker, filwaqt li saħaq dwar l-importanza tal-*fair play*. Il-kunċett tal-*fair play* jiġbor valuri fundamentali tal-ħajja umana, relevanti fl-isport u fir-relazzjonijiet umani u soċjali. Anġlu Farrugia appella biex kulħadd jagħmel l-almu tiegħu ħalli kull attività sportiva tibqa' safja u 'l bogħod minn perikli ta' abbuż minn sustanzi projbiti bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni sportiva tal-atleti (*doping*), mit-tixħim, mill-vjolenza fl-isport u mill-kummerċjaliżmu li qed jiddomina l-isport. "Dan l-għadu tal-isport jingħeleb biss billi nisħqu dwar il-valuri awtentiċi sportivi u moralment tajbin, u li nagħmlu kull attività sportiva ta' ispirazzjoni għaż-żgħażagħ tagħna", ikkonkluda l-Ispeaker Anġlu Farrugia.

Il-wirja fotografika ttellgħet b'kollaborazzjoni mal-kelliem tal-Oppożizzjoni għaż-żgħażagħ, sport u l-ġlieda kontra l-obeżità, Ryan Callus, u TimSportPN.

Is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat Clifton Grima, il-Kap tal-Oppożizzjoni Adrian Delia u l-Membru Parlamentari Ryan Callus indirizzaw lil dawk preżenti.

Il-pubbliku mistieden iżur din il-wirja fil-binja tal-Parlament sal-Ġimgħa, 27 ta' April 2018, bejn id-9 ta' filgħodu u l-5 ta' waranofsinhar (matul il-ġimgħa) u s-Sibt u l-Ħadd bejn id-9.30 ta' filgħodu san-nofsiegħa.

**Attachments: photos** 

**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**